MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 401/2008

**Francis Abela**
**(Karta ta' l-Identita numru 153857M)**

**vs**

**Pierre Camilleri**
**(Karta ta l-Identita numru 5390640M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju 2008, fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat jhallsu s-somma ta' €2,400 (elfejn u erba' mitt ewro) rapprezentanti refuzjoni ta' flus imhallsa lill-konvenut sabiex iwettaq xogholijiet ta' dawl u ilma fil-fond 20 Triq Santa Katerina, Senglea oltre ghal danni sofferti mill-istess attur bhala konsegwenza ta' xoghol hazin u mhux skond is-sengha u l-arti senjatament fix-xoghol ta' *wiring u trenching* tant li tali xoghol kellu jsir minn terzi inkarikati mill-attur.

Bl-ispejjes u bl-imghax sad-data tal-eventwali pagament effettiv kontra l-intimat ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 2 ta' Lulju 2008 fejn ikkontesta t-talba attrici billi fl-ewwel lok eccepixxa l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal ratione materiae, fit-tieni lok li tali talba hija legalment mhux proponibbli u fil-meritu li x-xoghol gie esekwit skond is-sengha u l-arti u kif miftiehem tant illi dawn gew accettati mill-attur qabel ma affettwa l-pagament relattiv u fl-ahhar nett se mai jekk kien hemm xoghol hazin dan gie attwat minn terzi persuni li wkoll haddmu fuq l-istess fond u mhux mill-konvenut. Jikkontendi wkoll li l-ammont mitlub kien ezagerat. B'riserva ghal prezentata ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni fuq il-kompetenza o meno ratione materiae ta' dan it-Tribunal;

Ra s-sentenza in parte datata 14 ta' Novembru 2008 fejn cahad l-eccezzjoni tal-Inkompetenza u ordna l-prosegwiment tal-kaz, spejjes a kariku tal-konvenut;

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti fuq il-meritu;

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

L-attur xehed li huwa kien ftiehem mal-konvenut u mal-partner tieghu sabiex jahdmulu xoghol ta' dawl, ilma u drenagg fil-post tieghu gewwa Senglea. Hallashom depositu ta' bejn Lm40 sa Lm100 u in segwitu max-xoghol hallashom f'diversi okkazzjonijiet ohra ammont li jlahhaq l-Lm400. In segwitu ix-xoghol kompla jigi esekwit mill-konvenut wahdu. L-attur jafferma li ma kienx kuntent bix-xoghol mahdum mill-konvenut kemm il-ghaliex kien jahdem b'mod sporadiku u kif minnhabba dwar kwlalita nferjuri bhal per ezempju *plugs* mhux imwahhla u *wires* imdendlin u ghalhekk qabbad perit biex jaghmillu rapport

fuq dawn in-nuqqasijiet. F'xi zmien il-konvenut kien anke iffirmalu skrittura fejn intrabat li jlestilu sa certu zmien pero` peress illi minn dik l-iskrittura l-quddiem il-konvenut baqa ma tfaccax huwa gie kostrett li jqabbad lil haddiehor biex ikompli u jlesti x-xoghol minnfloku. Jistqarr illi l-ammont ta' €2,400 li qed jitlob f'din il-kawza jikkorrispondu in parte l-flus li hallas lill-konvenut u in parte dawk imhallsa lill-haddiem il-gdid u kif ukoll id-danni li sofra peress li kellu *overdraft* mal-Bank u kwindi ma setax ibiegh il-post qabel ma jitlesta.

In segwitu l-attur rega xehed fejn qal li mill-quotation li tah il-konvenut ta' Lm450 huwa kien lahaq hallsu s-somma ta' xi Lm270 u dana kif jirrizulta minn zewg ricevuti markati Dok FA1 u Dok FA2. Ipprezenta wkoll Dok FA 3 konsistenti fi skrittura miktuba u ffirmata mill-konvenut datata 15 ta' Settembru 2007 fejn dan ta l-ahhar iddikjara li kien sejjer ilestilu kollox sal-21 ta' Settembru 2007. Peress illi xorta wahda l-konvenut baqa ma giex ikompli x-xoghol, l-attur safa kostrett jiftiehem ma haddiehor kif jirrizulta minn Dok FA 4 datata 20 ta' Ottubru 2007 li anke hadem fuq ix-xoghol hazin li ghamel il-konvenut. Il-Perit Randolph Bartoli mqabbad mill-attur irrilaxxja rapport datat 27 ta Ottubru 2007 fejn dan iddikjara li x-xoghol ta' *wiring* u *trenching* ma sarx skond is-sengha u l-arti li jehtieg f'postijiet antiki kif anke jirrizulta minn xi ritratti esebiti (A,B,C). Ighid li gie nfurmat ukoll li x-xoghol fuq il-faccata u fil-kantina kien ghadu ma sarx u dana oltre xi xoghol iehor intern. Fl-ahhar tax-xhieda tieghu l-attur inkariku ruhu li jhejji u jipprezenta prospett ta kif wasal ghac-cifra ta' €2,400 li qed jitlob f'din il-kawza. Dan fil-fatt gie esebit bhala Dok FA 6 u jinsab a fol 32 tal-process u li in sintesi jghid hekk:-

€628.93 (LM 270) imhallsa akkont lill-konvenut.
€314 hija d-differenza bejn l-istima tal-konvenut u tal-electrician il-gdid.
€260 huma l-ispejjes tal-perit Bartoli.
**€1,203.39 in toto.**

In kontro-ezami l-attur jammetti li huwa kien qabbad lill-istess konvenut fuq lantijiet ohra tax-xoghol u

ghalkemm ma kienx kuntent b'xogholu, huwa waqqfu fuq il-lantijiet l-ohra pero` ma waqqfux fuq id-dar meritu ta' dina l-kawza. Jafferma li meta kien ta' struzzjonijiet biex lill-konvenut ma jahdimx dawn kienu ntizi biss ghal kamra fil-basement u mhux ghal post kollu. Dwar l-ammont ta' €260 spejjes tal-Perit, l-attur ighid li dan darba kien gie fuq il-post. Jigi notat li l-ircevuta relattiva baqghet ma gietx prezentata oltre l-fatt li l-istess Perit baqa ma kkonfermax ir-rapport tieghu bil-gurament. Jigi notat ukoll li l-electrician li hadem wara l-konvenut baqa ma giex prodott bhala xhud biex jikkonferma o meno jekk semplicement kompliex fuq ix-xoghol tal-konvenut jew jekk qalax l-allegat xoghol hazin tal-konvenut u rega ghamel kollox mill-gdid.

Il-konvenut jafferma li meta l-attur kien accetta il-quotation riveduta tieghu, huwa mar fuq il-lant biex jara x-xoghol u nnota li kienu ser jahdmu fuq electrician iehor li kien lahaq ghamel biss xi xoghol ta' conduits pero` huwa qala li kien hemm u ghamel kollox mill-gdid. Ix-xoghol kien ser isir fil-pjan terran u fil-basement. L-attur ikompi ighid li huwa kien lahaq hadem mis-segwenti xoghol u cio` e`: Ghadda d-dawl kollu fil-pjan terran inkluz stallazzjoni ta' plakek, switches, *wiring* u *conduits* – tant li anke inghata s-*supply* tal-elettriku f'dan il-livell. Meta gie biex ikompli jahdem fil-basement l-attur kien informah biex ma jahdimx hemmhekk peress li kellu xi kwistjoni ma xi garr. Jigi osservat li dan il-fatt gie anke konfermat mill-istess attur. Il-konvenut jaqbel mal-attur li b'kollox huwa thallas is-somma ta' Lm270 li parti minnhom, cirka Lm100, intuzaw ghal materjal peress illi l-quotation ta' Lm450 kienet tinkludi l-materjal. Huwa jikkalkola li bhala valur ta' xoghol mahdum dan kien jiswa cirka Lm350 u ghalhekk meta tnaqqas is-somma ta' Lm270 gia ricevuti tigi li l-attur kien ghad jonqsu li jhallsu madwar Lm80 ghax-xoghol mahdum u lest. Jispjega li l-wires jidhru ghadhom barra fir-ritratti esebiti peress illi kien ghad jonqos li jghaddi xi wires ohra qabel ma jdahhalhom fit-trunking. Jafferma li tant l-attur ma kellu xi jghid xejn fuq il-kwalita ta xogholu li kien qabbdu fuq tliet bicciet xoghol ohra li lkoll gew kompletati u li kien jinsab imhallas ghas-saldu. Jispjega wkoll li l-attur mill-bidu nett kien mgharraf li l-konvenut ma setax

jahdimlu b'mod mhux interrott peress illi kien gia mqabbad fuq xoghol iehor band'ohra qabblu. Jerga jikkonferma li ma kompliex jahdem peress illi l-attur kien waqqfu minhabba l-problema fil-basement u suppost li l-attur kellu jinformah meta tigi rizolta din il-problema halli jkompli bix-xoghol. In kontro-ezami l-konvenut ighid li huwa qatt ma ftiehem mal-attur dwar it-terminu tal-appalt. Huwa jispjega wkoll li ma baqax imur jahdem wara li ffirma l-karta fejn intrabat li jlesti f'certu zmien peress illi l-attur kien wieghdhu li hekk kif jiffirma l-karta huwa kien ser ighaddilu pagament iehor pero` dan baqa ma hallsu xejn.

Illi f'kullkaz gudizzjarju ir-regola principali hi l-prova ghandha tinkombi fuq min jallega.

F'dan il-kaz l-attur irid jipprova li x-xoghol mahdum mill-konvenut tant kien hazin u mhux skond is-sengha u l-arti li jintitolah li jiehu l-flus imhallsa lura u dana peress illi x-xoghol tant kien ta' kwalita inferjuri li l-electrician il-gdid kellu jaqla kollox u jerga jghaddi x-xoghol kollu mill-gdid. Skond it-talba tal-istess attur irid jipprova wkoll li huwa fil-fatt hallas lill-Perit Bartoli s-somma ndikata ta' €260 u kif ukoll li x-xoghol mahdum mill-electrician il-gdid kien identiku ghal dak inkarikat mill-konvenut biex jiggustika d-differenza fil-prezz. L-allegazzjoni originali li huwa sofra xi danni ta' natura  ekonomika minhabba telf ta' bejgh u jew minhabba xi facilita bankarja l-anqas ser tigi kunsidrata minn dan it-Tribunal peress illi mhux biss l-anqas tresqet prova wahda f'dan is-sens izda sahansitra l-anqas jinsabu ndikati fil-prospett prezentat mill-istess attur.

Illi dwar l-allegat xoghol hazin jigi osservat li ma tresqitx prova wahda f'dan is-sens billi ma giex pprovat li xi xoghol tal-konvenut kellu jinqala minhabba f'hekk; il-perit Bartoli ma giex msejjah biex jikkonferma u jew jelobara fuq ir-rapport tieghu r-ritratti esebiti. Ma giex anqas prodott l-electrician il-gdid biex jispjega ezatt x'kien ix-xoghol li huwa hadem u jew jekk kompliex fuq ix-xoghol tal-konvenut jew jekk qalax xi xoghol hazin u rega ghadda kollox mill-gdid. Dawn in-nuqqasijiet huma rilevanti ghall-ammonti kollha li jinsabu mitluba mill-attur fil-prospett tieghu;

Anzi ghal kuntrarju jigi osservat li huwa fatt inkontestat bejn il-partijiet li tul il-kors tax-xogholijiet, l-attur tant kien kuntent bil-kwalita tax-xoghol mahdum mill-konvenut li addirittura qabbdu fuq tliet xogholijiet ohra li lkoll gew kompletati u jinsabu debitament imhallsa. Illi rrizulta wkoll mix-xhieda tal-konvenut li l-valur tax-xoghol mahdum minnu kien in eccess tal-ammonti gia ricevuti minnu u in mankanza ta prova kontrarja jirrizulta li x-xoghol minnu mahdum baqa mizmum mill-attur ghal beneficcju tieghu. Jigi osservat inoltre li l-perit Bartoli fir-rapport tieghu naqas li jikkummenta dwar il-valur tax-xoghol kompletat u dak mhux kompletat. Inoltre dan it-Tribunal isib verosimili l-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut il-ghala il-*wiring* u l-plakek kienu ghadhom mhux imqabbda mal-hajt.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq mankanza ta’ provi soddisfacenti qed jakkolji l-eccezzonijiet fil-meritu sollevati mill-konvenut quindi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes ta’ din is-sentenza a kariku ta’ Attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------